2024/1494

27.5.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2024/1494

tat-23 ta' Mejju 2024

dwar il-ħatra tal-Kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (EUSDI/1/2024)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1599 tat-3 ta' Awwissu 2023 dwar Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1599, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea (l-"Inizjattiva"), inkluż deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ.

(2) Fid-19 ta' April 2024, l-awtoritajiet Spanjoli rrakkomandaw pproponew il-ħatra tal-Kurunell Sergio PUEBLA GARCIA bħala Kap taċ-ċellola ta' kmand u appoġġ militari tal-Inizjattiva mill-15 ta' Jannar 2024 sal-14 ta' Lulju 2024.

(3) Fid-19 ta' April 2024, il-Kmandant Militari għall-pilastru militari tal-Inizjattiva appoġġa dik il-ħatra proposta.

(4) Fit-23 ta' April 2024, il-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea qabel li jirrakkomanda li l-PSC jaħtarlill-Kurunell Sergio PUEBLA GARCIA bħala Kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva.

(5) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Kurunell Sergio PUEBLA GARCIA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kurunell Sergio PUEBLA GARCIA huwa b'dan maħtur bħala Kap taċ-ċellola militari ta' kmand u appoġġ tal-Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża b'appoġġ għall-pajjiżi tal-Afrika tal-Punent tal-Golf tal-Guinea mill-15 ta' Jannar 2024 sal-14 ta' Lulju 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-15 ta' Jannar 2024.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Mejju 2024.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK

([1]) ĠU L 196, 4.8.2023, p. 25.